**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 29 ta' Diċembru 2008**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. Rikors ġuramentat għal ġudizzju ta' jattanza, fejn l-attur jallega li l-konvenut b'ittra uffiċjali ippretenda li huwa kreditur ta' l-attur.

2. Rikors ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-klijent tiegħek (il-kwerelant) wara li l-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-kwerelat (editur ta' gazzetta) mill-imputazzjoni ta' malafama permezz ta' stampat għax irriteniet li l-azzjoni kienet estinta.

3. Rikors għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kontra AB wara li l-klijent tiegħek kiseb sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell, li biha l-imsemmi AB ġie ordnat iħott ħajt li huwa kien bena fuq il-proprjetà tal-klijent tiegħek.

4. Rikors ġuramentat biex tiftaħ azzjoni pawljana.

5. L-att meħtieġ li bih titlob li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma tiġi eżegwita f'Malta skond in-normativa tal-Unjoni Ewropea (permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Ruma, il-klijent tiegħek, ċittadin Olandiż, ġie kanonizzat kreditur ta' soċjetà reġistrata fl-Italja, iżda li għandha assi f'Malta, fis-somma ta' nofs miljun euro).

6. Rikors għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet.

**<u>Parti B</u>**

Irrispondi mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed juża s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun

kriminali; (ii) jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

3. X'differenza hemm bejn l-etika in ġenerali u l-etika professjonali? Agħti eżempji.